MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

**GUDIKATUR DR.
ELLUL ANTHONY**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 311/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-Nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera GGU Insurance plc hekk kif surrogati fid-drittijiet tal-Assikurat taghha Vodafone Malta Limited sija bil-polza u sija bil-Ligi**

**Vs**

**Mark Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf mija u sitta u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm1,156.28), danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fl-4 ta' Ottubru 1999 f'Naxxar Road, San Gwann, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TLC 003 misjuqa minn John Zerafa u propjeta ta' l-assikurat tas-socjeta attrici li kienet

assikurata that polza comprehensive mahruga mill-istess socjeta attrici li ghamlet tajjeb ghad-danni u l-vettura numru KAC 847 misjuqa mill-konvenut Mark Mifsud, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra d-dokumenti.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu tal-kawza sehh fi Triq Naxxar, San Gwann bejn vettura Opel Astra bin-numru TLC 003 misjuqa minn John Zerafa, u vettura numru KAC 847 misjuqa mill-konvenut.

2. Iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinstaqu fl-istess direzzjoni.

3. Mill-provi rrizulta li l-konvenut ried jaqsam ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq. Huwa xehed li ried jaghmel din il-manuvra sabiex jipparkja l-vettura.

4. Fir-*road accident report* (fol. 23) il-pulizija li nvestiga l-incident iddikjara li l-konvenut qallu li *"he was proceeding along Naxxar Rd on the outer lane and on reaching the end of the Traffic Island in front of the Government School he swerved to the right to turn back down Naxar Rd and car no TLC 003 which was following dashed into his rear right hand side as he was already starting to turn"*.

F'dik il-parti tal-okkorrenza ntestata *Brief Description* jinghad [fol. 24]:

*"whilst both vehicles were being driven along Naxxar Rd San Gwann in the direction of Naxxar on reaching the end of the traffic island in front of the Government school van no KAC 847 turned to the right to performa a U turn round the mentioned traffic island, with the consequence that car no. TLC 003 dashed into van no KAC 847 on the rear right hand side"*.

5. Fil-kors tax-xhieda tieghu (seduta tat-18 ta' Gunju 2002), il-konvenut iddikjara li fil-hin ta' l-incident ***"l-Isuzu kienet dritta fit-triq: mhux angolata"*** u li kienet wieqfa. Fl-fehma tat-Tribunal din il-verzjoni m'hijiex verosimili. Li kieku dan kien minnu l-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet tkun fuq il-parti ta' wara u mhux fil-gemb tal-vettura (ara fol. 23 u 26).

Il-konvenut immarka wkoll fuq l-iskizz fejn kien ser jipparkja l-vettura tieghu (fol. 26). Anke hawnhekk il-konvenut ma kienx korrett ghaliex fejn immarka hemm bankina. Il-post ta' parkegg huwa mmarkat bhala *parking base* fuq l-iskizz. Fil-fatt jekk wiehed ighaddi mill-post fejn sehh l-incident jikkonferma li l-iskizz huwa korrett. It-Tribunal huwa tal-fehma li sabiex seta' jipparkja l-vettura tieghu fuq in-naha l-ohra tat-triq, il-konvenut kellu jaghmel U-turn. Manuvra li f'dik il-parti tat-triq hija vjetata (ara sinjal li jidher fuq l-iskizz a fol. 26). Hu maghruf li l-U Turn hija manuvra li, billi tinvolvi *right turn* fil-wisa' tat-triq, ghalkemm tista' ssir bla periklu f'toroq li ma tantx huma wzati, f'toroq traffikuzi (bhal ma hi Triq Naxxar) tirrikjedi grad gholi ta' attenzjoni ghax mhi manuvra li drivers ohra normalment jistennew (ara f'dan is-sens sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Dottor Remigio Zammit Pace noe et vs George Despott** [Citaz. Nru: 364/93GV] li giet deciza fl-24 ta' Frar 1997). Fil-kawza fl-ismijiet **Manfred vs Bartolo** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 1992 inghad: *"Hu ovvju li…..wiehed jaghmel U-turn riskju tieghu u zgur li ma ghandux jazzarda jaghmilha sakemm ma jkunx assolutament cert li ma jistax jibda din il-manuvra perikoluza, ikompliha u jispiccaha bla ma jikkrea hazard lit-traffiku utent tat-triq fiz-zewg direzzjonijiet"* (ara wkoll

**Denis Schembri et vs Emanuel Cilia** deciza fil-5 ta' Ottubru 1993 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili – Citaz. Nru: 157/86JSP).

6. Il-konvenut messu osserva s-sinjal tat-traffiku. Kien in-nuqqas tieghu li ta lok ghall-incident tat-traffiku in kwistjoni u holoq emergenza subitaneja lis-sewwieq l-iehor. Sewwieq prudenti ma kienx jittenta jaghmel il-manuvra li ghamel il-konvenut, liema manuvra kienet fil-fehma tat-Tribunal il-kawza prossima ta' l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

7. Irid jissemma wkoll li mill-provi li tressqu ma rrizultax li hemm xi htija kontributorja min-naha tas-sewwieq tal-vettura Opel Astra bin-numru TLC 003.

8. Dwar id-danni reklamati ma saret l-ebda kontestazzjoni mill-konvenut u dawn jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mija u sitta u hamsin lira Maltija u tmienja u ghoxrin (Lm1,156.28) bhala hlas ta' danni kagunati f'incident tat-traffiku li sehh fi Triq Naxxar, San Gwann fl-4 ta' Ottubru 1999 u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**